MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2004

Numru 406/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen Gatt**
**Spettur Michael Mallia**
**V**

**EMANUEL CUSCHIERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **EMANUEL CUSCHIERI** ta' hamsa w ghoxrin sena bin Juda Taddeo u Maryanne nee Meilak, imwieled Pieta nhar t-tlieta ta' Marzu 1977 u residenti 26, Triq il-Wied, l-Imsida, detentur tal-karta tal-identita numru 150877M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-ghoxrin ta' Mejju 2002 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu fl-Imsida;

1. minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Safi Mouldi Ben Mustafa f'perikolu car, permezz ta' arma bil-ponta u li taqta, kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-persuna ta' Safi Mouldi Ben Mustafa, liema hsara hija offiza gravi li gabitlu sfregju gravi u permanenti

fil-wicc, filghonq, jew f'wahda mill-idejn tal-imsemmi Safi Mouldi Ben Mustafa, kif wkoll li jgibu marda tal-mohh jew tal-gisem li ddum ghal tletin gurnata jew izjed, inkella ghal daqshekk zmien li zzom lil offiz milli jmur ghax-xoghol tieghu, hekk kif iccertifika Doctor Stephen Muscat MD fl-isptar San Luqa,

2. talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Safi Mouldi Ben Mustafa;

3. talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, zamm u garr arma li taqta u bil-ponta minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

4. talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' Safi Mouldi Ben Mustafa sabiex jingurjah, jdejjqu jew jghamillu hsara;

5. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-paci u l-ordni pubbliku b'ghajjat u glied.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sitta ta' Jannar 2003 esibiti fl-atti a fol 77 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tas-seduta tas-sittax ta' Dicembru 2003 kif jirrizulta a fol 95 tal-atti odjeni.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod volunarju kif wkoll l-provi tad-difiza.

Rat in-nota esibita mill-Kummissarju tal-Pulizija nhar l-ghaxra ta' Mejju 2004.

Ikkunsidrat:

Illi **Safi Mouldi Ben Mustafa xehed** nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Mejju 2002 fejn spjiega li f'gurnata minnhom tal-Hadd sbih t-Tnejn, huwa mar jixtri panina u xi haga x'jixrob mill-hanut li ma jafx ismu fl-Imsida. Huwa ttanta jikkomunika ma tal-hanut bil-lingwa Gharbija u/jew Taljana, izda ghal xejn ghaliex tal-hanut ma fehmux. Huwa gharaf lil imputat odjern bhala l-persuna li aggreditu b'mus f'idejha wara li talbitu jitkellem bil-lingwa Maltija. Huwa haseb li l-imptuat kien irrabbjat ghaliex ma jhobbx jaqdi lin-nies ta' nazzjonalita Gharbija. Mistoqsi jispjiega il-motiv ta' dan l-allegat atteggjament aggressiv tal-imputat, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf 'l ghala l-imputat agixxa bil-mod li agixxa. Spjiega li kien wahdu waqt li l-imputat kellu persuna ohra fil-hanut dak l-hin tal-incident. Safi Mouldi Ben Mustafa kompla jispjiega li l-imputat fil-hin tal-incident, kellu fil-pussess tighu mus u mazz cwievet. Mistoqsi mill-Qorti jekk f'xi hin irritaljax ghal agir tal-imputat, x-xhud wiegeb fin-negattiv u zied jghid li mad-daqqa telaq jigri 'l hemm bid-demm m'ghonqu. Xehed li kienu l-Pulizija tal-Mobile stess li akkumpanjawh l-isptar. Ix-xhud cahad fuq domandi tad-difiza li dakinhar kien xorob hafna u qal li kien ha biss zewg birer. Cahad wkoll li l-imputat tah birra u ma halsux. Ix-xhud qal pero li huwa veru li l-imputat, dak l-hin, kien qed jaqsam t-triq biex jghalaq il-hanut l-iehor faccata tat-triq. Ix-xhud l-ewwel jghid li mhux veru ta lil imputat izda wara jikkwalifika d-diskors tieghu u jghid li jista jkun li waqt li l-imputat tah daqqa f'widnejh, kien qed jiddefendi lilu nnifsu u laqtu.

**L-Ispettur Stephen Gatt xehed** nhar t-tmienja ta' Awissu 2002 fejn irrakkonta kif nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2002, waqt li kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija l-Imsida, ghall-habta tas-siegha w kwart ta' filghodu gie nfurmat li kien hemm stabbing fl-Imsida u li l-vittma kien qieghed l-isptar. Huwa kellem lit-tabib li ezamina lil vittma u cioe lil Doctor Stephen Muscat li spjegalu li l-vittma kellu riha ta' xorb u kien qed jbati minn *"lacero contused wound eight centimeters long on the right neck below right ear one centimeter deep, clearly incised in nature*." Huwa tkellem mal-imputat li a tempo vergine tal-investigazzjoni qallu li l-vittma Safi Mouldi Ben Mustafa ried bilfors jidhol fil-hanut tieghu u jiehu xi hobza u drink bla ma jhallas ghalihom, il-

vittma ta xi daqqa w inqala l-incident. L-imputat dak l-hin kien qed jaghlaq il-hanut u f'idejh kellu mazz cwievet u jista jkun li laqtu bihom. Huwa kkonferma wkoll li l-imputat m'ghandu l-ebda licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jgorr strument li jaqta u bil-ponta.

**L-Ispettur Michael Mallia xehed** nhar t-tmienja ta' Awissu 2003 fejn qal li huwa gie nfurmat nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2002 ghall-habta tas-siegha w kwart ta' filghodu mill-Kamra tal-Kontroll tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija li Emanuel Cuschieri kien infurmhom li kien ghadu kif kien involut fi glieda ma persuna ta' nazzjonalita Gharbija waqt li dan ittanta jisirqu. Minnufih marru l-Pulizija tal-Mobile fuq il-post, iltaqghu mal-imputat u dan indikalhom d-direzzjoni minn fejn kien harab l-imsemmi aggressur tieghu. Il-Pulizija sabu persuna mixhuta mal-art bid-demm hiereg minn ghonqha, issejjhet l-ambulanza fuq il-post u l-persuna ittiehdet l-isptar San Luqa fejn giet ezaminata minn Doctor Stephen Muscat. Ix-xhud kompla jghid li fil-presenza tal-Ispettur Carmelo Magri u tieghu, l-imputat ammetta li kien hu li kkaguna l-feriti fuq din il-persuna u cioe Safi Mouldi Ben Mustafa. Huwa jaghti versjoni tal-fatti kif moghtija mill-vittma li qallu li huwa mar jixtri xi xorb u l-imputat beda jkeccih 'l hemm u wara ftit qal li attakkah b'xi haga bil-ponta li tixbah mus. Spjiegalu wkoll li waqt li huwa kien mat-tieqa fit-triq jistenna sabiex jinqeda, l-imputat, qasam it-triq sabiex jghalaq hanut iehor li ghandu faccata tal-hanut in kwistjoni, huwa baqa jiffitta lil imputat biex iservih u appena avvicina lil imputat, l-imputat imbuttah 'l hemm. L-imputat kellu mazz cwievet f'idejh. Safi Mouldi Ben Mustafa irritalja billi ta daqqa lil imputat u dak l-hin qabdu f'xulxin. Hu u l-imputat waqghu mal-art u Safi Mouldi Ben Mustafa nduna li l-aggressur tieghu tah daqqa f'ghonqu.

Meta l-Ispettur Michael Mallia tkellem mal-imputat, dan irrepetielu dak li kien stqarr Safi Mouldi Ben Mustafa pero zied jghid li tah bic-cwievet, liema cwievet huma esibiti w immarkati bhala dokument DVB 8. L-imputat ghaddielu wkoll certifikat li gie mmarkat bhala dokument DVB 10 rilaxxjat minn Doctor S. B. Das minn fejn jirrizulta li huwa

kellu feriti hfief f'widnejh konsistneti fi tbengil "ecchymosis".

**L-Ispettur Carmelo Magri xehed** li nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2002, spieja li huwa kien night patrol officer u kien gie nfurmat mill-Pulizija tal-Mobile li kienu sabu ragel ta' nazzjonalita Gharbija mitluq mal-art u mgharraq f'ghadira demm. Huwa mar fuq il-post indikt lilu u kellem lil vittma li spjiegalu li kien mar jixtri xi xorb u xi haga x'jiekol minn hanut u dan tal-hanut ma riedx jaqdih u meta insista ma tal-hanut biex jaqdik, dan tah daqqa taht widnejh. Huwa kellem lil imputat dakinhar stess tal-incident u dan ikkonferma li l-vittma ried jixtri xi affarijiet bla ma jhallas. Meta qallu li ma kienx ser jaqdih, din il-persuna [b'referenza ghal vittma], beda jsabbat fuq is-shutter. Huwa hareg jwaqqfu u l-vittma qabad fih u ddefenda ruhu permezz ta' sett cwievet li kellu f'idejh. Ammetta mieghu li setgha kien hu li kkaguna l-feriti li kellu fuqu, l-vittma. Dan ix-xhud qal li l-imputat ikkopera bis-shih mieghu huwa u jaghmel tfittxija fuq il-post pero fil-post li huwa tal-ikel, kellu diversi skieken u ma setghax jiddentifika liema kienet s-sikkina li ntuzat fil-kaz, jekk verament kien hemm sikkina. L-imputat innega mieghu <u>b'mod kategoriku</u> li kien ta lil vittma b'xi sikkina.

**PS 90 Jeffrey Gerada xehed** li huwa ha sehem fl-investigazzjoni rigward glieda bejn tnejn minn nies. Spjiega li l-vittma Safi Mouldi Ben Mustafa waqt li kien l-isptar qallu li huwa mar jixtri xi haga x'jiekol waqt li tal-hanut hebb ghalih. Qallu li l-aggessur tieghu setgha hebb ghalih b'mus <u>pero ma kienx cert</u>. Huwa ra l-ferita li kellu l-vittma taht widnejh il-leminija. Huwa kien wkoll presenti waqt li l-Ispettur beda jkellem lil imputat fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Dan x-xhud qal li meta l-imputat gie mistoqsi jekk ghamilx uzu minn mus huwa wiegeb li uza biss mazz cwievet. Fil-fatt jghid li kien hu stess li qabad il-mazz cwievet u ghaddihom lil Ispettur wara li gew identifikati mill-imputat stess.

**PS 1373 John Micallef** jghid li huwa gie nfurmat mid-Depot tal-Pulizija li Safi Mouldi Ben Mustafa kien fi triqtu lejn l-isptar wara li kien safa vittma ta' stabbing. Huwa

ghamel verifiki mar-rsidenti tal-lukanda fejn kien jghix u cioe l-Petit Paradis u dawn qalulu li din il-persuna [b'referenza ghal vittma] kienet thobb tixrob. Huwa tkellem ma Doctor Stephen Muscat dwar il-kundizzjoni tal-vittma u dan qalllu li kien xurban u li kienu qed jistennew r-risultanzi tat-test ghal presenza ta' droga.

**PS 409 Joseph Zarb xehed** u spjiega li bejn d-dsatax u l-ghoxrin ta' Mejju 2002 hu kien ircieva telefonata mill-Kamra tal-Kontroll tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija li kien sar incident fl-Imsida u ghalhekk hu mar fuq il-post u hemmhekk gie indikat lilu mill-imputat d-direzzjoi li ha l-vittma li nstab mixhut mal-art f'ghadira demm.

**It-tabib Doctor Stephen Muscat xehed** nhar l-hamsa ta' Dicembru 2002 fejn spjiega kif nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2002 waqt li huwa kien xoghol l-isptar fl-Emergenza invista lil Safi Mouldi Ben Mustafa. Xehed li l-pazjent kellu riha ta' xorb qawwija u kien mifluf minn sensih. Xehed li sarlu front line test tal-awrina tieghu ghal presenza ta' droga pero tali rrizultat kien wiehed negattiv. Ix-xhud iddeskriva l-ferita li kellu dan il-pazjent [b'referenza ghal Safi Mouldi Ben Mustafa] u cioe " *lacero contused wound eight [8] cm right below right ear one [1] cm deep.*" Fil-fehma tieghu din ma tikkostitwixxi ebda ferita gravi. Huwa tah trattament ghal presenza ta' droga Eroina u cioe il-medicinal Narkon li ntuza biss bhala antitode ghal presenza ta' droga Eroina u fil-fatt kien irrisponda tajjeb ghaliha.

Il-Qorti kienet innominat lil **Doctor Dino Vella Briffa** bhala espert mediku sabiex jezamina l-feriti subiti mill-vittma u dan b'digriet taghha tal-wiehed u ghoxrin ta' Mejju 2002 sabiex **jghid** jekk tali feriti humiex ta' natura gravi jew le. Illi dan l-espert spjiega li tali ferita ser tibqa sfregju permanenti u dan peress li kienet tinvolvi l-hxuna kollha tal-gilda.

Il-Prosekuzzjoni esibit wkoll is-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar d-disgha w ghoxrin ta' Mejju 2002 fil-konfront tal-vittma Safi Mouldi Ben Mustafa meta kien gie akkuzat li hebb gal persuna ta' Emanuel Cuschieri nhar l-

ghoxrin ta' Mejju 2002 w ikkagunalu ferita ta' natura hafifa u kien instab hati taghha.

Illi l-imputat ma xehdtx f'dawn il-proceduri ghalkemm irrilaxxja stqarrija nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2002 liema stqarrija tinstab esibita a fol 38 tal-atti odjerni markata bhala dokument DVB 9. Illi huwa spjiega li dakinhar tal-ghoxrin ta' Mejju 2002, ghall-habta tas-siegha w kwart ta' filghodu kellu xi jghid ma persuna ta' nazzjonalita Gharbija waqt li kienet mat-tieqa tal-hanut ta' missieru fi triq Qrejten, l-Imsida. F'xi hin, kompla jistqarr l-imputat fl-istqarrija tieghu, kienet marret persuna li ma kienx jafha u talbitu xi iekel u birrra. Huwa spjiega li dak l-hin hu kien qed jnaddaf il-hanut peress li kienu ser jghalqu u ghaddielu zewg flixken birra. Huwa talbu lira u din il--persuna bdiet tghidlu "Le …" Huwa ghelhekk ha l-birra lura ghaliex induna li din il-persuna kienet fis-sakra u li ma kellhiex flus. Huwa dak l-hin kien ghadu gewwa u beda jkeccih 'l hemm. Huwa hareg biex jghalaq il-hanut li ghandu faccata u din il-persuna segwietu u bdiet taqbadlu idejh biex jaqdiha u tghdlu kliem li ma bediex jifhimhom. Waqt li huwa kien qed jghalaq t-tieqa, din il-persuna bdiet taghti bil-ponn fuq t-tieqa u tghid kliem "Kisser …Kisser…" Huwa haseb li din il-persuna kienet ser tkissirlu t-tieqa ghaliex fil-fatt bdiet taghti bil-ponn fuq it-tieqa. Huwa imbuttaha u dak l-hin din il-persuna tatu daqqa ta' ponn f'widnejh il-leminija. Huwa rrabbja u beda jxejjer idejh bic-cwievet li kellu f'idu u waqghu t-tnejn mal-art. Din il-persuna qamet u telqet 'l hemm u huwa cempel lil Pulizija sabiex jirrapporta dak li kien gara. Il-Pulizija waslu fuq il-post u huwa ndikalhom d-direzzjoni fejn kien mar l-aggessur tieghu. Huwa jichad li dahal d-dar u gab xi mus u tah bih. Fil-hanut, fost nies ohra kien hemm t-tfajla tieghu Chantelle u din bdiet tibki.

**Chantelle Attard xehdet** nhar t-tnejn ta' Marzu 2004 w ikkonfermat li hija kienet presenti waqt l-incident mertu ta' din il-kawza. Stqarret li waqt li kienet fil-hanut semghet daqqa mal-hgieg daret u rat bniedem jaghti daqqa ta' ponn lil imputat. hija harget barra u minn mal-art gabret mazz cwievet. Hija gharfet ic-cwievet li huma mirija fir-ritratt esibit fl-atti bhala l-istess cwievet li l-imputat ghandu

tal-hanut ta' faccata li kienu f'idejh u li sussegwentement gabret minn mal-art.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti hija rinfaccata b'zewg versjonijiet tal-fatti u cioe dik esposta mix-xhud principali tal-Prosekuzzjoni u cioe l-vittma Safi Mouldi Ben Mustafa li jghid li dakinhar tal-incident huwa mar jixtri flixkun xorb u xi haga x'jiekol mill-hanut fejn kien l-imputat u minghajr raguni ta' xejn, l-imputat hebb ghalih u kkagunalu l-feriti kif deskritti mit-tobba u dik esposta mid-difiza li l-imputat kien fil-hanut ghall-affari tieghu jnaddaf il-post mal-gharusa tieghu Chantelle Attard, meta fid-daqqa w l-hin tfacca l-vittma u talab tnejn birra u rrifjuta li jhallas ghalihom u meta l-imputat ha x-xorb lura, l-vittma beda jsabbat mat-tieqa u jhedded li ser jkisser il-post u sahansitra spicca aggredih u tah daqqa ta' ponn f'widnejh l-leminija u waqt li l-imputat kien qed jiddefendi lilu nnifsu, laqat lil allegat vittma b'mazz cwievet u kkagunalu feriti f'ghonqu. Illi ghalhekk kollox jiddependi fuq il-kredibilita tax-xhieda.

Il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda mismugha waqt li kienu fil-pedana tax-xhieda billi ghamlet dak li jiddisponi l-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe li qiset il-kredibillita tax-xhud, il-komportament tieghu waqt li kien fil-pedana tx-xhieda, il-kondotta, il-karattru u l-probabilita u konsistenza tal-fatturi l-ohra tal-istqarrija tieghu, il-korroborazzjoni li kien hemm rizultanti mix-xhieda l-ohra u c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

L-imputat jghid li huwa kien fil-hanut tard bil-lejl flimkien mal-gharusa tieghu u xi nies ohra u kien qed jnaddaf biex jghalaq. F'hin minnhom wasal l-allegat vittma li kien fi stat ta' sakra u talbu ghal xi xorb minn barra t-triq. L-imputat ghaddielu zewgt iflixken birra pero dan ma riedx jhallsu taghhom u ghalhekk l-imputat hadhom lura. Din il-persuna irrabbjat hafna u bdiet tghajjat u tghid xi kliem "Kisser… Kisser…" w issabbat mat-tieqa. L-imputat hareg jaghlaq hanut iehor li ghandu faccata ghal hanut in dezamina, din il-persuna segwietu, bdiet tkellmu

[b'referenza ghal imputat] pero huwa ma fehmiex u f'hin minnhom taghtu daqqa ta' ponn f'widintu tal-lemin.

Issa l-versjoni tal-imputat hija korroborata minn hafna cirkostanzi u sa certu punt mix-xhieda li ta l-imputat stess.

It-tabib Doctor Stephen Muscat li ezamina lil vittma ftit wara l-incident jghid li l-vittma Safi Mouldi Ben Mustafa kellu riha qawwija ta' xorb w in oltre, ghalkemm il-front line test ghall-presenza ta' droga ta' rizultat negattiv, xorta huwa ttratta lil pazjent bil-medicinali Narkon li huwa uzat ghat-tehid ta' Eroina u fil-fatt kien irrisponda tajjeb ghaliha. Illi kien l-imputat stess li rrapporta l-kaz lil Pulizija u fil-fatt kien hu stess li indirizza lil Pulizija tal-Mobile meta marru fuq il-post ftit wara t-telefonata tieghu u qalilhom f'liema direzzjoni kien telaq l-aggressur tieghu. Chantelle Attard, li kienet fil-hanut fil-hin tal-incident tghid li rat lil vittma Safi Mouldi Ben Mustafa jhabbat ma tieqa tal-hanut, jghid hafna kliem li ma fehmietx u jaghti daqqa ta' ponn lil imputat. Stqarret wkoll li meta harget barra l-hanut, sabet il-mazz cwievet li l-imputat juza biex jaghlaq il-hanut li kienu mal-art u gabrithom. Ikkonfermat wkoll li l-imputat fil-hin tal-incident kien hareg barra mill-hanut biex jaghlaq il-hanut l-iehor tal-faccata.

Il-Pulizija b'mod partikolari l-Ispettur Carmelo Magri kkonferma li l-imputat ikkopera mieghu hafna fl-investigazzjoni kollha u li meta ghamel spezzjoni fil-fond tieghu ma sab ebda sikkina bid-demm li setghet giet uzata fl-incident. In oltre, qal wkoll li l-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni, ghalkemm kien irrabbjat ghal dak li kien gara, cahad b'mod kategoriku li f'xi hin kellu mus f'idejh.

Minn naha l-ohra l-vittma Safi Mouldi Ben Mustafa jghid li ma kienx xorob salv ghal zewgt ifliexken birra. Jghid li l-imputat ma riedtx jaqdih ghal xejn b'xejn u li hu u l-imputat gew fl-idejn u spiccaw mal-art pero x'gara ezatt ma jafx. Jaf biss li l-imputat kellu mazz cwievet f'idejh u probabbli xi mus. Qal li huwa kellem lil imputat bil-lingwa Taljana u Gharbija u li l-imputat ma kellmux ghax ma fehmux. L-vittma Safi Mouldi Ben Mustafa kkonferma wkoll li fil-hin

tal-incident fil-hanut kien hemm tfajla u faccata tal-hanut fejn kienu, l-imputat ghandu hanut iehor u kien hareg biex jaghlaq dak il-hanut meta nqala l-incident in dezamina.

Illi d-Difiza fit-trattazzjoni taghha sostniet li l-imputat ghamel dak li ghamel taht d-difiza ta' provokazzjoni kif kontemplat fl-artikolu 230( c) u cioe "*the crime of wilful bodily harm shall be excusable if is provoked by any crime whatsoever against the person.*"

Issa, skond il-**Professur Sir Anthony Mamo** fin-***Noti tieghu Criminal Law Notes***, id-difiza tista tecepixxi din il-linja difensjonali jekk:

*"The acts of the offender shall have taken place at the <u>same</u> time of the act in excuse whereof they are pleaded. In other words, it is essential that the wounding should have been inflicted immediately upon the <u>provocation</u> being given."*

Fil-fatt, **Manzini** fil-ktieb intitolat ***Diritto Penale*** Vol II pg 240 jghid:

*"La potenzialita provocatrice di un fatti deve valutarsi con criteri del tutto relattive in rapporto, cioe alle qualita personali di chi si pretende provocato, a quelle del provocato ai rapport <u>anteriori</u> fra i due, alle circostanze di luogo, tempo, ecc. "*

Huwa mportanti li l-gudikant iqis mhux biss n-natura tal-att provokattiv izda ghal agitazzjoni tal-mohh li jigi kawzat fl-agent.

Skond l-artikolu 230(c) tal-Kap 9 l-offiza voluntarja fuq il-persuna hija skuzabbli jekk tkun provokata minn delitt ta' kull xorta li jkun kontra l-persuna. Dak l-artikolu huwa bazat fuq il-Codice delle Due Sicilie li jifforma parti integrali tal-Kodici Penali taghna, **l-artikolu 377 ta' dan il-Codice delle Due Sicilie**, jiddisponi hekk:

*"Gli omicidji volontari, le percasse e ferite volontarie ed ogni altra inguria ad offesa contro le persone sono scusabili."*

Ghalhekk jirrizulta minnufih li f'kull kaz fejn r-reazzjoni ha xi forma ta' reat fil-mohh ta' persuna l-ohra, dan l-agir jista jkun skuzabbli.

Il-provokazzjoni huwa ammess bhala fattur mitiganti minhabba l-fatt li l-agent, meta kien qed jagixxi, tilef il-kontroll ordinarju tieghu nnifsu minhabba l-passjoni kkrejata mill-att provokattiv tal-agent li gieghlu isir inkapaci li jirrifletti fuq il-konsegwenza tal-agir tieghu li hu importanti u ghalhekk agixxa b'dak il-mod.

Fi kliem il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** - Vol 2 pg 240, dan l-awtur ikompli jghid;

*"In uno stato di ira determinato da un fatto ingiusto altrui."*

**Hart** fil-ktieb tieghu ***Punishment and Responsibility*** jghid:

*"Provocation is therefore considered as a good enough reason for a diminution of punishment becasuse the agent's ability to control his action is thought to have been impaired or weakened otherwise than by his own action so that conformity to the law which he has broken was a matter of special difficulty for him, as compared with normal persons, normally placed."*

Irid jigi enfasizzat minnufih li mhux kull azzjoni tista tigi valutata bhala wahda kommessa taht provokazzjoni. Hemm diversi elementi li jridu jigu sodisfatti ghall-esiztenza ta' dawn il-fatturi skuzabbli u cioe,

1. L-att tal-provokazzjoni nnifsu;
2. It-telf ta' self control li jkun attwali u ragjonevoli, u
3. Ir-reazzjoni trid tkun proporzjonata ghall-provokazzjoni.

a. Rigward l-ewwel element l-ligi taghna ma tispecifikax l-atti kollha li jistghu jaqghu skuzabbli bil-provokazzjoni. L-artikolu 230(c) u cioe "*wilful bodily harm shall be excusable if is provoked by any crime whatsoever against the person*" ma huwiex l-uniku cirkostanzi li tippermetti l-provokazzjoni. Izda dan huwa indikazzjoni li meta reat ikun kommess bhala rizultat ta' xi reat iehor fuq il-persuna opposta, dik hija indikazzjoni li dik il-persuna setghet qed tagixxi taht provokazzjoni kien attwali kif wkoll ragjonevoli.

Fil-fatt, l-**Carrara** jghid li ma tistax ssir referenza specifika ghal kull att li jista jigi kawzat taht provokazzjoni, peress li jrid isir test suggettiv ghal kull kaz. Ghalkemm fil-fatt azzjoni tista tkun diretta lejn bniedem, t-terza persuna tirreagixxi taht il-provokazzjoni. Huwa importanti li dak li agixxa, ghamel hekk peress li hassu provokat bhal qualsiasi bniedem normali iehor.

b. Rigward t-tieni element ta' dan r-reat u cioe li n-nuqqas ta' kontroll tal-persuna jinghad li jrid ikun hemm attwali kif wkoll ragjonevoli.

Nonostante li l-att kommess setgha kien provokattiv kontra dak li rcevih, huwa importanti ghal ezistenza tal-provokazzjoni li dan l-att kellu effett fuq min ircevih li tellfu l-kontroll tieghu nnifsu.

**Smith & Hogan** fil-ktieb taghhom ***Criminal Law*** - pg. 208 jghidu;

*"In deciding this question of fact, the jury is naturally entitled to take into account all the relevant circumstances, the nature of the provocative act, the relevant conditions in which it took place, the sensitivity or otherwise of the receiver and the time, if any, which elapased between the provocation and the act which caused the offence."*

Peress li l-kwistjoni tal-provokazzjoni hija kwistjoni ta' fatt jekk fil-fatt bniedem jigix ipprovokat jew le minn certu agir, il-Qorti trid tiddecidi jekk bniedem normali kif jghidu l-

Inglizi, *the man in the street*, jirreagix bl-istess mod bhal dak li jkun agixxa hekk.

**Manzini** a fol 226 - 227 fil-ktieb tieghu ***Trattato di Diritto Penale*** jghid:

*"… Percio il magistrato/giudice incensurabile del fatto deve valutare la causa provocatrice senza alcun preconcetto con le solo guida della proprie conoscienza e sulle base delle circostanze concrete sopra indicate."*

3. It-tielet element, u cioe r-reazzjoni trid tkun proporzionata ghal provokazzjoni.

Illi ghalhekk wara li elaborat fuq l-elementi necessarji ghall-esiztenza ta' provokazzjoni, il-Qorti thoss li dan il-kaz huwa wiehed li jinkwadra ruhu perfettament fuq dawn l-elementi.

L-imputat gie aggredit mill-vittma b'daqqa ta' ponn fuq il-widna l-leminija tieghu u kkagunalu tbengil kif iccertifikaw t-tobba medici. Illi l-vittma li kien xurban beda jikkawza hsara fuq il-proprjeta tieghu billi jhabbat fuq it-tieqa u jhedded li ser jkissirlu kull m'ghandu. Illi dan kollu sehh fi ftit minuti u minghajr ebda raguni ta' xejn minn naha tal-imputat. Illi l-imputat agixxa proprju dak l-hin b'dak li kellu f'idu u cioe l-mazz cwievet u kkaguna l-feriti kif deskritti mit-tobba li raw lil vittma. Illi zgur li tali reazzjoni ma kienetx eccessiva u proporzjonata ghal provokazzjoni li kellu.

Illi ma hemmx dubbju li l-feriti li kkawza l-imputat fuq il-vittma jaqghu taht d-definizzjoni ta' ferita ta' natura gravi kif deskritti fl-artikolu 218(1)(a) billi kkawza sfregju serju u permanenti f'ghonqa il-vittma, kif deskritt mit-tabib Doctor Dino Vella Briffa, l-eseprt nomninat mill-Qorti.

**Il-Qorti ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 214, 215, 216, 217, 218, 221, 339(d)(e), 338(dd), 17(b)(c), 20, 23, u 533 tal-Kap 9 u l-artikoli 13, 19, 25, 26 u 27 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddecidi li tilqa d-difiza tal-imputat EMANUEL**

**CUSCHIERI dwar provokazzjoni u tiddikjarah hati tat-tieni u r-raba akkuza kif inkorporata fl-ewwel akkuza hati tar-raba akkuza, u mhux hati tat-tielet akkuza u tilliberah minnha.**

**Ghar-rigward l-piena, il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 232(a) fejn jinghad li ghalkemm l-offiza tkun ta' natura gravi, il-piena karcerarja tkun dik ta' mhux aktar minn zewg terzi stabbiliti ghad-dellit minghajr skuza.**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt li tilqa d-difiza tal-provokazzjoni, qed tikkundanna lil imputat EMANUEL CUSCHIERI ghall-akkuzi li taghhom sabitu hati b'mod komplessiv ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin taht l-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f'dan il-perjodu operattiv bis-sahha tal-artikolu 28A ttal-Kap 28 tal-Ligjiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputat u l-konsegwenzi taghha jekk jonqos li josservaha, li minn naha tieghu ddikjara li fehem ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------